



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11565/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0279(NLE)

COEST 203
WTO 201

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 492 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 492 final.

Mehmuż: COM(2021) 492 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.8.2021
COM(2021) 492 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan

ANNESS

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI Nru XX/2020
TAL-KUNSILL TA' KOPERAZZJONI BEJN L-UE U L-AŻERBAJĠAN**

Li japprova l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan 2021-2027

IL-KUNSILL TA' KOPERAZZJONI BEJN L-UE U L-AŻERBAJĠAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 81 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan tat-28 ta' Settembru 2018 dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan (2018-2020),

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) kien ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Taħt l-Artikolu 81 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Koperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet adatti għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-Ftehim.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li l-oġġettivi mniżżla fil-Ftehim jintlaħqu.
- (4) Fit-28 ta' Settembru 2018, l-Unjoni Ewropea u l-Ażerbajġan approvaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan għall-perijodu 2018-2020 kif jinsabu fl-Anness.
- (5) L-UE u l-Ażerbajġan ser iqisu b'mod bilaterali fil-Prijoritajiet tas-Sħubija l-oġġettivi fit-tul u r-risultati tanġibbli li għandhom jiġu miftiehma bejniethom fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant inkluż it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fis-saħħa pubblika.

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jirrakkomanda l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan, kif jinsabu fl-Anness, sal-2027. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jistgħu jiġu aġġornati jew estiżi ulterjorment bi qbil mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill ta' Koperazzjoni

L-Unjoni Ewropea

Ir-Repubblika tal-Ażerbajġan